MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 288/2010

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B, li permezz tieghu, wara li ppremetta:

Illi l-kontendenti zzewgu fl-1 ta’ Gunju 2001.

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal.

Illi l-kontendenti sseparaw konsenswalment.

Illi dan iz-zwieg huwa null ghaliex il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-

hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija psikologika serja li ghamlithom impossibli li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dan iz-zwieg huwa null ghaliex il-kunsens tal-kontendenti inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga.

Illi dan iz-zwieg huwa null ghaliex il-kunsens tal-konjugi kien marbut ma’ kundizzjoni ghall-futur.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fl-1 ta’ Gunju 2001 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ C D li in forza taghha eccepiet:

Illi hija qed taghti ruhha notifikata bir-rikors guramentat.

Illi hija taqbel li z-zwieg taghha mar-rikorrenti ghandu jigi annullat izda li ma ghandhiex tbati spejjez.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Semghet ix-xhieda.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f’din il-kawza zzewgu fl-1 ta’ Gunju 2001. Ghexu flimkien ghal xi tmien snin. It-tnejn dahlu ghar-relazzjoni bi storja psikologika importanti fis-sens illi r-ragel, ir-rikorrenti odjern, kien gej minn familja fejn ir-relazzjoni bejn l-istess genituri tieghu kienet tkissret u l-intimata, min-naha taghha kellha fuq spallejha storja ta’

abbuz sesswali fuqha minn nannuha meta din kien ghad kellha disa’ snin.

Jirrizulta illi l-istess intimata qatt ma riedet li jkollhom tfal u infatti, f’tul ta’ tmien snin zwieg, ma twieldux ulied. Dikjarazzjoni ta’ nullita’ issa qed tintalab ai termini tal-provvedimenti tal-Art. 19 (1) (d), (1) (f) u (l).

Il-Qorti tibda biex tirreferi ghal dak li sostniet il-Qorti tal-Appell fil-kawza **“Joseph Zammit vs Bernadette Zammit”,** (deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-27 ta’ Jannar, 2006):

“*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe’ li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta’ l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe’ li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*”

Ir-rikorrenti jsostni li martu qatt ma riedet li jkollhom tfal.

“*Problema ohra tul iz-zwieg kienet li C ma riditx tfal u kienet tammetti li ma kinitx lesta li tibni familja. Kienet ukoll tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega sabiex tevita li tohrog tqila. Qabel iz-zwieg qatt ma kienet issemmi li xtaqet tfal, izda qatt ma qalet li ma riditx.*”

Ommu, min-naha taghha tixhed illi:

“*Tul iz-zwieg, A kien wera x-xewqa li jkollu tfal u niftakar darba kien qalli li kellu x-xewqa li jaghmel lin-nannuh, buznannu qabel ma jigi nieqes. Kont ghidt b’dan lil C u rrispondietni “Jiena m’ghandix ikolli tfal ghal haddiehor”. Pero’ jiena ma ridtx infisser dan.*

*Niftakar episodju iehor fejn konna ukoll fil-karozza ta’ A u semmejna xi kugin ta’ C, li kien ghadu kemm sar missier u accennajt ghall-fatt li kont qed nistenna bil-herqa, biex insir nanna. Pero, hi rrispondiet, li kelli ndum nistenna.*”

Ommha tixhed hekk:

"*Kien jinkwetani hafna l-fatt li kien ghad ma kellhomx tfal wara tmien snin mizzewgin u meta darba kellimtha fuq hekk ma kellmitni xejn.*"

Ir-rikorrenti nnifisha, meta xehedet in kontro-ezami, qalet hekk:

"*Jiena kont komplejt ikkonvincejt ruhi li ma ridtx tfal.*"

In relazzjoni mal-provvediment tal-Art. 19 (1) (f), il-Qorti Civili Prim'Awla fil-kawza "**Theresa Taguri nee' Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe**" (deciza fl-10 ta' Novembru 1999), kellha dan xi tghid:

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni posittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.*"

Fil-kawza "**Dr Stephen Muscat noe vs Maria Borg Grech**" (deciza fl-14 ta' Awissu, 1995), il-Qorti Civili Prim'Awla rriteniet illi:

"*Ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda nternament u b'att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali).*"

Fil-kaz in ezami, din il-Qorti tqis illi l-intimata tassew eskludiet dan l-element essenzjali taz-zwieg u cioe' l-possibilita' tal-ulied u dan huwa partikolarment konfermat mill-fatt li l-partijiet ghexu flimkien tmien snin minghajr ulied. Ir-rikorrenti, dan irnexxielu jippruvah sal-grad rikjest mil-ligi.

Dan stabbilit, il-Qorti m’hijiex ser tindaga oltre dwar kawzali ohra.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-1 ta’ Gunju 2001 huwa null u bla effett.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------